MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2015

Rikors Numru. 1036/2014

**Fl-atti tal-Ittra Uffiċjali bin-numru 3515/14**

**datata 6 ta' Novembru 2014 fl-ismijiet:**

**Ian Azzopardi (174457M)**

**vs**

**Cassar and Schembri (Marketing) Limited (C33174)**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fis-17 ta' Novembru 2014 mis-soċjetà intimata eżekutata (minn issa 'l quddiem imsejħa "is-soċjetà intimata eżekutata"), fejn, għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni taż-żewġ kambjali annessi mal-Ittra Uffiċjali Nru. 3515/2014 fl-ammonti ta' €51,730 u €106,460, liema kambjali immaturaw fit-23 ta' Mejju, 2014 u fl-20 ta' Ġunju, 2014 rispettivament. Ir-Rikors Maħluf tas-soċjetà intimata eżekutata jgħid dan li ġej:

*Illi s-soċjetà intimata (recte) rċeviet l-preċitata ittra uffiċjali fejn Ian Azzopardi (recte) qed jipprova jakkwista titolu eżekuttiv kontra tagħha (recte) bis-saħħa ta' żewġ kambjali annessi mal-istess ittra fl-ammonti €51,730 u €106,460.90, komplessivament fl-ammont ta' €158,190 liema kambjali mmaturaw fit-23 ta' Mejju 2014 u fl-20 ta' Ġunju, 2014 rispettivament;*

*Illi s-soċjetà intimata (recte) qegħda tikkontesta l-eżekuzzjoni tal-imsemmija kambjali in vista tal-fatt illi jeżistu raġunijiet gravi u validi għal tali oppożizzjoni ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dana kif ser jiġi indikat hawn taħt:*

a) *Prelimarjament is-soċjetà intimata (recte) qed tiddubita dwar il-veraċità u l-validità ta' dawn il-kambjali minħabba li safejn jaf ir-rappreżentant, hi qatt ma kienet a konjizzjoni ta' dawn il-kambjali u lanqas taf lil Ian Azzopardi;*

b) *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, din l-istess soċjetà m'għandha l-ebda ħjiel għal dak li jistgħu jirrappreżentaw l-ammonti mitluba lilha;*

c) *Illi inoltre s-soċjetà intimata (recte) mhijiex f'pożizzjoni li taċċerta ruħha dwar il-firma fuq l-istess kambjali b'dana illi hemm possibbiltà kbira illi il-firem ta' dawn il-kambjali, mhumiex ta' rappreżentant ta' Cassar and Schembri (Marketing) Limited.*

*Għaldaqstant is-soċjetà intimata (recte) titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha għar-raġuni jew raġunijiet premessi, tissospendi l-eżekuzzjoni tal-imsemmija kambjali in toto u dan ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan taħt kwalsisasi provvedimenti li jistgħu jidhrulha opportuni.*

Rat id-digriet tagħha tad-19 ta' Novembru, 2014, li bih ordnat in-notifika ta' Ian Azzopardi (K.I. 174457M) u tagħtu tlett (3) ijiem żmien biex iwieġeb bil-miktub. I

Rat id-digriet tagħha tad-19 ta' Novembru, 2014 li bih ordnat provviżorjment is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjali inkwistjoni u appuntat ir-Rikors għas-smigħ għas-seduta tal-5 ta' Diċembru, 2015.

Rat l-atti tal-Ittra Uffiċjali u tar-Rikors.

Semgħet ix-xhieda ta' Etienne Cassar rappreżentant u direttur tas-soċjetà intimata eżekutata.

Semgħet ix-xhieda tar-rikorrent eżekutant Ian Azzopardi.

Semgħet ix-xhieda ta' Mario Difesa u ta' David Galea, rappreżentant tal-APS Bank Malta

Semgħet l-avukati tal-partijiet jittrattaw.

Rat id-digriet tagħha tal-20 ta' Frar, 2015 fejn ħalliet ir-Rikors għal provvediment għas-seduta tat-18 ta' Marzu, 2015.

**Ikkunsidrat:**

Tqis illi din hija proċedura ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta fejn kambjali jew *promissory notes* maħruġa skont il-Kodiċi tal-Kummerċ (Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta) jitqiesu bħala titoli eżekuttivi sakemm il-Qorti kompetenti skont il-valur tal-kambjala jew *promissory note*, b'digriet li ma jkunx appellabbli, ma tkunx issospendiet l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew *promissory note* kollha jew f'parti minnha u sew suġġett għal garanzija kif ukoll mingħajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew *promissory note* kif fuq imsemmi, u li għandu jsir fi żmien għoxrin jum min-notifika tal-ittra uffiċjali li tintbagħat biex tirrendi l-istess kambjala jew *promissory note* eżegwibbli, minħabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew *promissory note* ma tkunx tagħha jew tal-mandatarju tagħha jew fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi

u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni u f'dak il-każ biex persuna teżiġi l-ħlas ta' dik il-kambjala jew *promissory note* tkun trid tipproċedi b'kawża skont id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ.

Tqis illi din hija proċedura preliminari ta' stħarriġ u verifika fejn il-Qorti tista' tordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' kambjala jew *promissory note* bħala titolu eżekuttiv f'każ li minn din il-proċedura preliminari jirriżulta *prima facie* (i) illi l-firma fuq il-kambjala jew *promissory note* ma tkunx ta' min ikun qed jopponi għall-eżekuzzjoni tagħha jew tar-rappreżentant tiegħu; jew (ii) ikunu jeżistu raġunijiet oħra gravi u validi biex issir oppożizzjoni għal dik l-eżekuzzjoni. F'każ li l-Qorti tordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjala ai termini tal-Artikolu 253(e), biex wieħed jeżiġi l-ħlas tal-kambjala dan ikollu jiftaħ kawża skont id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ.

Tqis li in kwantu għall-firma fuq il-kambjali, Etienne Cassar, wieħed mir-rappeżentanti tas-soċjetà intimata eżekutata, xehed illi mhuwiex f'pożizzjoni li jaċċerta ruħhu dwar il-firma fuq l-istess kambjali peress li jallega illi hemm possibbiltà kbira illi il-firem fuq dawn il-kambjali, mhumiex ta' rappreżentant ta' Cassar & Schembri (Marketing) Limited.

Tqis illi s-soċjetà intimata eżekutata isejjes it-talba tagħha għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjali biss fuq dubji, suspetti u allegazzjonijiet, ossija fuq id-diffikultà li wieħed mid-diretturi tal-kumpannija għandu biex jagħmel l-aċċertamenti tiegħu dwar l-awtentiċità tal-firem fuq il-kambjali. Etienne Cassar jgħid ukolli li huwa m'għandu l-ebda ħjiel għal dak li jistgħu jirrappreżentaw l-ammonti mitluba fuq il-kambjali lis-soċjetà intimata eżekutata.

Tqis illi l-problemi interni li seta' kien hemm u għad hemm bejn id-diretturi tas-soċjetà intimata eżekutata, in-nuqqas ta' komunikazzjoni bejn id-diretturi, li wieħed mid-diretturi seta' kien qiegħed jikkonduċi n-negozju tal-kumpannija minn wara dahar id-direttur l-ieħor, huma kollha ċirkostanzi li legalment bl-ebda mod m'għandhom jinċidu fir-rigward ta' tranżazzjonijiet li saru ma' terzi li daħlu *in bona fide* f'negozju mas-soċjetà intimata eżekutata permezz tar-rappreżentant legali tagħha.

Tqis illi ma saret ebda prova, imqar waħda *prima facie,* li l-firma fuq il-kambjali mhijiex dik awtentika ta' Ryan Schembri. Aktar importanti minn hekk, Etienne Cassar fix-xhieda tiegħu ma eskludiex illi l-kambjali inkwistjoni f'din il-kawża kien ġew iffirmati minn Ryan Schembri[1].

Fix-xhieda tiegħu Etienne Cassar ipprova jikkorrabora s-suspetti u d-dubbji mqanqla minnu fir-rigward tal-kambjali inkwistjoni, billi rrefera għal kwerela li kien għamel kontra Ryan Schembri ftit taż-żmien ilu, fejn allega li Schembri kien iffalsifika l-firma tiegħu (ta' Etienne Cassar) fuq kambjali li m'għandhomx x'jaqsmu ma' din il-kawża.

Billi allega li Ryan Schembri kien iffalsifika l-firma tiegħu fuq xi dokumenti oħra li m'għandhomx x'jaqsmu ma' din il-kawża, Etienne Cassar bl-ebda mod ma xejjen jew ikkontradixxa x-xhieda tar-rikorrent eżekutant Ian Azzopardi [2], li kkonferma bil-ġurament illi l-kambjali kienu ġew iffirmati minn Ryan Schembri, li fil-mument li nġibdu l-kambjali kien direttur u rappreżentant legali tas-soċjetà intimata eżekutata, kif fil-fatt għadu sallum.

Ian Azzopardi xehed ukoll u ppreżenta provi dokumentali in sostenn tax-xhieda tiegħu, illi huwa kien investa s-somma ta' €150,000 mas-soċjetà intimata eżekutata permezz ta' żewġ ċekkijiet tiegħu personali[3] pagabbli lis-soċjetà intimata eżekutata. Dawn iċ-ċekkijiet kienu ssarfu mis-soċjetà intimata eżekutata, u kienu ġew depożitati fil-kontijiet li l-istess soċjetà intimata eżekutata kellha mal-APS Bank Limited, fejn ġie ddepożitat iċ-ċekk ta' €100,000 u mal-Bank of Valletta p.l.c, fejn ġie ddepożitat iċ-ċekk ta' €50,000.

Etienne Cassar seta' staqsa dakinhar li daħlu l-€150,000 fil-kontijiet bankarji tas-soċjetà Cassar and Schembri (Marketing) Limited x'kienu jirrappreżentaw eżattament dawn is-somom sostanzjali ta' flus u dwar il-provenjenza tagħhom.

---

[1] A fol. 22.
[2] A fol. 23.
[3] A fol. 27 u 28.

Bħala garanzija għall-ħlas lura tas-somma investita ta' €150,000 mir-rikorrent eżekutant, is-soċjetà intimata eżekutata Cassar and Schembri (Marketing) Limited permezz tal-firmatarju awtorizzat tagħha Ryan Schembri, kienet ħarġet żewġ kambjali u żewġ ċekkijiet tal-Banif Bank favur ir-rikorrent eżekutant, fl-ammonti rispettivi ta' €51,730 u €106,460.90.

Min-naħa tiegħu David Galea, ir-rappreżentant tal-APS Bank Limited fix-xhieda tiegħu[4] ikkonferma permezz ta' kopja ta' *statement of account* tal-kont li s-soċjetà intimata eżekutata kellha mal-APS Bank Limited, illi fit-12 ta' Marzu 2013 ġie iddepożitat f'dan il-kont ċekk ta' €100,000. Iċ-ċekk ta' €100,000 maħruġ minn Ian Azzopardi mill-kont personali tiegħu mal-APS Bank Limited, pagabbli lis-soċjetà intimata eżekutata, fil-fatt ġie maħruġ fl-10 ta' Marzu, 2013 u ssarraf fit-12 ta' Marzu 2013.

L-istess xhud David Galea xehed ukoll illi mill-kont bankarju li s-soċjetà intimata eżekutata kellha mal-APS Bank Limited, kienu nħarġu biss żewġ ċekkijiet pagabbli lil terzi. L-istess xhud David Galea, meta qabbel il-firem fuq dawn iċ-ċekkijiet mal-firem fuq l-*Appointment of Bankers Form* tal-istess bank[5], ikkonkluda waqt li kien qiegħed jagħti x-xhieda tiegħu, li l-firem x'aktarx li kienu tal-istess Etienne Cassar.

Is-soċjetà intimata eżekutata ma resqet ebda prova illi jeżistu raġunijiet gravi u validi għal oppożizzjoni ai termini tal-Artikolu 253(e) l-istess soċjetà, ħlief li m'għandha l-ebda ħjiel għal dak li jistgħu jirrappreżentaw l-ammonti mitluba lilha minn Ian Azzopardi.

Illi fid-dawl tal-provi mressqa mir-rikorrent eżekutant, din il-Qorti tikkonkludi illi mhuwiex minnu illi Etienne Cassar ma kellu ebda ħjiel dwar minn hu Ian Azzopardi u dwar x'jirrappreżentaw l-ammonti mitluba lis-soċjetà intimata eżekutata.

U fi kwalisiasi każ, anki jekk għas-saħħa tal-argument Etienne Cassar, tabilħaqq ma kellux ħjiel ta' x'jirrappreżentaw l-ammonti mitluba lis-soċjetà intimata eżekutata minn Ian Azzopardi, żgur ma

---

[4] Ara a fol. 35.
[5] A fol. 40 sa 42.

jistax jingħad però li s-soċjetà intimata eżekutata m'għandha ebda ħjiel ta' x'jirrappreżentaw l-ammonti mitluba lilha minn Ian Azzopardi, ladarba in-negozju kien konkluż bejn l-istess Ian Azzopardi u rappreżentant awtorizzat tas-soċjetà intimata eżekutata, Ryan Schembri, li mhux biss ħareġ il-kambjali inkwistjoni a favur Ian Azzopardi, imma anki ħareġ ċekkijiet tal-istess kumpannija Cassar and Schembri (Marketing) Limited [6] a favur Ian Azzopardi għal ammont ekwivalenti għall-kambjali.

Tqis illi l-liġi ma tispeċifikax x'inhuma r-raġunijiet gravi u validi u dan ma sarx b'xi nuqqas tal-leġislatur iżda intenzjonalment għax il-leġislatur ried iħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti f'liema każijiet għandha tilqa' t-talba jew le. "Ċertament li r-raġuni valida m'għandhiex tkun waħda frivola għax kif tgħid l-istess liġi, ħlief fil-każ tal-firma r-raġuni trid tkun gravi u valida u dan jagħmilha ċara li persuna ma tistax kapriċċjożament topponi tali eżekuzzjoni"[7].

Però fil-fehma ta' din il-Qorti, il-fatt li is-soċjetà intimata eżekutata kif inhi mmexxija llum, tqanqal biss dubji u suspetti u tgħid li ma tinsabx f'pożizzjoni li tivverifika x'jirrappreżentaw l-ammonti mitluba lilha mill-kreditur, dan bl-ebda mod ma jaħti għalih il-kreditur, imma huwa konsegwenza diretta tal-problemi interni li kien hemm u għad hemm fi ħdan it-tmexxija tas-soċjetà intimata eżekutata.

Tqis illi Ian Azzopardi bil-ġurament tiegħu ikkonferma li l-obbligazzjoni li tat lok għall-kambjali inkwistjoni kien investiment għal perijodu qasir ta' tlett (3) xhur għas-somma ta' €150,000 li huwa kien għamel mas-soċjetà intimata eżekutata kif legalment rappreżentata minn Ryan Schembri. Min-naħa tagħha s-soċjetà intimata eżekutata kif rappreżentata minn Etienne Cassar, wieġebet għal dan billi qalet illi llum ma tinsabx f'pożizzjoni li tivverifika jekk dan huwiex minnu jew le.

Ġaladarba il-kambjali ġew debitament iffirmati minn persuna li kellha u għad għandha r-rappreżentanza legali tas-soċjetà intimata eżekutata u li setgħet torbot dik is-soċjetà, u l-fatt li ma tressqux provi konvinċenti illi l-firma fuq il-kambjala mhijiex tar-rappreżentant ta' min qiegħed jopponi għall-eżekuzzjoni tagħha, il-Qorti tqis li ma teżistix xi raġuni gravi u valida skont il-proviso tal-artikolu 253(e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) li

[6] A fol. 27 u 28.
[7] **Giovanni Briffa vs. Ronald Azzopardi** - PA deċiża fil-5 ta' Frar, 2008.

tiġġustifika s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni taż-żewġ kambjali annessi mal-Ittra Uffiċjali bin-numru 3515/14 datata 6 ta’ Novembru 2014.

**Decide**

**Għar-raġunijiet kollha premessi, il-Qorti qegħda:**

1. **a tenur tal-Artikolu 230 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tagħha tad-19 ta’ Novembru, 2014 li bih ordnat provviżorjment is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjali in kwistjoni;**
2. **tiċħad bħala nfondata fl-ambitu tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, it-talba tas-soċjetà intimata eżekutata għas-sospensjoni taż-żewġ kambjali annessi mal-Ittra Uffiċjali Nru. 3515/2014, u għalhekk tiddikjara li m’għandux ikun hemm is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-istess kambjali.**
3. **l-ispejjeż kollha ta’ din il-proċedura jitħallsu mis-soċjetà intimata eżekutata Cassar and Schembri (Marketing) Limited.**

Moqrija

**Onor. Dr. Lawrence Mintoff**

**Imħallef**

**Frederick Stagno Navarra**

**Dep. Reġ.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------